Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8612 — CZ/DT/Carl Zeiss Smart Optics)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 393/07)

1. Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet avviż ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill ([1]) (KE) Nru 139/2004.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Carl-Zeiss-Stiftung (il-Ġermanja),

— Carl Zeiss AG (il-Ġermanja), ikkontrollata minn Carl-Zeiss-Stiftung,

— Deutsche Telekom AG (il-Ġermanja),

— Carl Zeiss Smart Optics, Inc. (l-Istati Uniti tal-Amerika), ikkontrollata minn Carl Zeiss AG u Deutsche Telekom AG.

Carl Zeiss AG u Deutsche Telekom AG jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4), il-kontroll konġunt ta' Carl Zeiss Smart Optics, Inc.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Carl-Zeiss-Stiftung: Carl-Zeiss-Stiftung tikkontrolla Carl Zeiss AG u Schott AG. Il-grupp teknoloġiku Carl Zeiss AG huwa preżenti fl-oqsma tal-ottika u l-ottoelettronika. Il-grupp teknoloġiku Schott AG jeżerċita l-attivitajiet tiegħu fl-oqsma tal-ħġieġ speċjali u taċ-ċeramika tal-ħġieġ.

— Deutsche Telekom: Deutsche Telekom AG hija operatur preżenti f'livell dinji f'aktar minn 50 pajjiż fis-setturi tat-telekomunikazzjoni u tat-teknoloġija tal-informatika. DT tipproponi prodotti u servizzi mill-oqsma tan-netwerks fissi/*broadband*, telefoni mobbli, Internet, IPTV u t-teknoloġiji tal-informatika u tal-komunikazzjoni. Din l-impriża toffri wkoll servizzi tat-telekomunikazzjoni bl-ingrossa lil operaturi tat-telekomunikazzjoni u operaturi tas-servizzi tal-Internet oħrajn.

— Carl Zeiss Smart Optics: l-għan ta' Carl Zeiss Smart Optics, Inc. huwa li tiżviluppa u tikkummerċjalizza sistemi ta' nuċċalijiet intelliġenti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8612 — CZ/DT/Carl Zeiss Smart Optics

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email, faks jew bil-posta, fejn għandhom jintużaw id-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË